**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 453/2016/9**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Josric Mifsud)**

**vs.**

**Gordon Grima**

Illum, is-7 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat **Gordon Grima** ta' 41 sena, bin Joseph u Lily nee' Attard, imwieled Birgu', nhar is-06 ta' Gunju, 1975, residenti fil-fond numru 22, Flat 4, Triq il-Foss, Birgu, detentur tal-karta tal-identita numru 471375M

Talli nhar it-23 ta' Awwissu, 2016, u ghal habta ta' l-erbgha ta wara nofsinhar (1600) u gimghat qabel din id-data:

a) gewwa Pjazza Gavino Gulia, Bormla, u bnadi ohra gewa dawn il-gzejjer, saq il-vettura nil-muturu bin numru ta' registrazzjoni IBC971 ta' ghamla Kia meta l-imsemmija vettura ma' kienetx kopert b' polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni. Art.3(1) Kap. 104;

b) Talli fl'istess lokk hin u cirkustanzi saq vettura mil-mutur ta' ghamla Kia Avela bi numru ta' registrazzjoni IBC971 fi triq kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuza, minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita ta' Trasport ta ' Malta. Art 13(1) A.L. 198/09

Talli nhar il-20 ta' Awwissu, 2016, ghal habta ta bejn id-disgha u ghoxin u l'ghaxra nieqes ghaxra ta filghaxija (2120 - 2150Hrs) waqt li kien gewwa l-istabiliment Convenience Shop sitwat fi Triq il-Qaliet, Marsaskala

c) bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq mill imsemmi stabiliment Convenience Shop wera dan il-hsieb, b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-hin, liema valur ma jeccedix s-somma ta' mitein u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);

d) Talli fl'istess lokk hin u cirkustanzi hebb kontra Cherise Attard sabiex jingurja, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna/i jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaga' taht xi disposizzioni ohra tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

e) Talli fl'istess lokk hin u cirkostanzi ikkagunat griehi ta' natura haftifa fuq il-persuna ta' Marco Attard hekk skond ma iccertifika Dr A Bugeja MD (Reg 2486);

f) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajat u bil-glied, u dan bi kur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Nhar il-04 ta' Lulju, 2016, u granet gabel minn gewwa l-fond 214, Triq

gdida fi triq il-Qaliet, Marsaskala:

g) seraq diversi oggetti ghad-detriment ta Alfred Galea, liema serq hu aggravat mezz, u bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfein tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)

Ukoll;

h) talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tigu mibdula

Ukoll il-Oorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-25 ta' Awwissu 2016 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li matul l-udjenza ta' l-1 ta' Settembru 2016 l-imputat iddikjara li kien hati u irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet (a) sa (f) inkluz l-addebitu tar-recidiva (imputazzjoni (h)) dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li l-Qorti avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.[2]

Rat li l-imputat regghet tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Illi fl-istess udjenza l-imputat tenna li qed jikkontesta l-imputazzjoni numru (g) ossia l-allegat serq kwalifikat ghad-dannu ta' Alfred Galea u ghaldaqtant il-Qorti kienet ordnat il-prosegwiment tal-proceduri f'dan ir-rigward.

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-2 ta' Marzu 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[3]:

---

[1] Fol. 8 ta' l-atti processwali
[2] Folio 30 ta' l-atti processwali
[3] Fol. 369 ta' l-atti processwali

- Fl-artikoli 3 (1) (1A) (1B) (2) (a) (b) (2A) (2B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet tal-Ligijiet ta’ Malta;

- Fir-regolamenti 13 (2) u 44 (7) (a) tar-Regolamenti Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Avviz Legali 198 tal-2009, kif emendat bl-Att XV tal-2009 u bl-Avvizi Legali 110 u 195 tal-2011, 127 tal-2013, 178 u 342 tal-2015 (Legislazzjoni Sussidjarja 368.02) taht il-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 31, 41 (1) (a), 261 (f), 270, 281 (a), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 339 (1) (d) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 214, 215 u 221 (1) (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 20, 261 (b) (c), 263, 264, 265, 266, 267, 278 (1) (2), 279 (6), 280 (1)(2), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligliet ta' Malta;

- Fl-artikoli 31, 49, 50 u 289 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 7, 8, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19, 20, 22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiliet ta' Malta;

- Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul is-seduta tal-4 ta’ Marzu 2021 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz

minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[5]

Rat li fl-udjenza tat-18 ta' Settembru 2019 l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ppreseduta milli terga tisma lix-xhieda kollha prodotti minn din il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta. [6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar it-28 ta' Jannar 2021.[7]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-28 ta' Frar 2023.[8]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

---

[4] Fol. 373 ta' l-atti processwali
[5] Folio 267-269 ta' l-atti processwali
[6] Folio 280 ta' l-atti processwali
[7] Fol. 364 ta' l-atti processwali
[8] Fol. 401 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna is-segwenti incidenzi:

- Allegat serq ta' diversi oggetti b'valur ta' cirka €4,000 minn garaxx biswit ir-residenza 214, Triq il-Qaliet Marsascala ghad-dannu ta' certu Alfred Galea, nhar l-04 ta' Lulju 2016.
- Allegat attentat ta' serq mill-hanut The Convenience Shop fi Triq il-Qaliet, Marsascala nhar l-20 ta' Awwissu 2016 bil-lejl fejn wara li gie kkonfrontat, l-imputat allegatament aggredixxa lil Marco Attard u lil Cherise Attard.
- Allegat sewqan tal-vettura tat-tip Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni IBC-971 fl-akkwata tal-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla nhar it- 23 ta' Awwissu 2016 wara nofsinhar minghajr licenzja valida u kopertura ta' assikurazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni ghar-rigward l-akkuza li hija kontestata u cioe l-imputazzjoni (g).

**L-Ispettur Josric Mifsud**[9]**,** stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, xehed fis-seduta tal-1 ta' Settembru 2016. Spjega li nhar is-7 ta' Lulju 2016 dahal rapport minn certu Alfred Galea li tlett ijiem qabel, u cioe` fl-4 ta' Lulju 2016 kienu nsterqu xi oggetti li jgibu valur approssimattiv ta' €3,000 mir-residenza tieghu 214, Triq il-Qaliet, Marsacala. Galea kien ra vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAC-896 tal-marka Peugeot ipparkjata quddiem ir-residenza tieghu u peruna maskili qed jghabbi xi oggetti fl-imsemmija vettura. Minn verifiki maghmula, irrizulta li l-vettura hija registrata fuq l-imputat Gordon Grima. Imbaghad fit-23 ta' Awwissu 2016 dahal rapport iehor dwar persuna li ppruvat tisraq xi affarijiet mill-hanut Convenience Shop ta' Triq il-Qaliet, Marsascala. Kien hemm konfrontazzjoni minhabba li l-istaff tal-hanut Cherise Portelli u Marco Attard ippruvaw iwaqqfu lill-malvivement milli johrog bl-affarijiet. Eventwalment harab minn fuq il-post permezz ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBC-971. Dwar dan l-incident gew ipprezentati filmati CCTV u fil-fatt ingharaf l-imputat Gordon Grima bhala l-agent. Cherise Portelli u Marco Attard ipprezentaw certifikati medici dwar griehi hfief li kienu sofrew f'dan il-konfront tal-imputat. Ix-xhud kompla jispega li fit-23 ta' Awwissu stess, l-imputat gie nnutat qed isuq hdejn l-Ghassa ta' Bormla u gie mwaqqaf u arrestat dak il-hin stess. Wara li gie moghti s-soliti drittijiet u rrinunza ghad-dritt li jikkonsulta ma avukat, l-imputat ta stqarrija fejn filwaqt li ikkonceda li l-pjanci

[9] Fol. 31-33 tal-atti processwali;

tal-vettura HAC-896 kienu ghandu u li kien ta din il-vettura lil terzi biex tigi skreppjata, innega li kellu xi involvement fiz-zewg serqiet in kwistjoni.

Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2016 xehdet **Anabel Bugeja**[10], adetta fid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole. Spjegat li l-imputat kien wera x-xewqa maghha li jidhol programm ta' riabilitazzjoni flimkien ma sentenza karcerarja.

Ix-xhud regghet hadet il-pedana waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2017[11] fejn ipprezentat is-social inquiry report relattiv ghall-imputat. In succint, spjegat li l-qofol tal-problemi tal-imputat huwa l-abbuz tad-droga, vizzju li ilu mahkun minnu ghal kwazi 20 sena, fejn kien hemm diversi okkazjonijiet fejn l-imputat attenda programmi residenzjali izda sfortunatament qatt ma temmhom f'success. Huwa evidenti ukoll li l-imputat ghandu diffikulta' jzomm xoghol stabbli u fil-fehma tax-xhud, ir-relazzjoni kurrenti tal-imputat taf tkun ta' xkiel minhabba li s-siehba tieghu ukoll tabbuza mid-droga. Innotat li kampjun tal-awrina mehud f'Jannar 2017 waqt li l-imputat kien fuq liberta` provizorja irrizulta pozittiv ghall-kokaina u l-eroina. Ikkonkludiet tghid li huwa necessarju li l-imputat jinghata l-ghajnuna u gwida necessarja sabiex jigu ndirizzati l-problemi msemmija.

Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2018[12], b'zieda max-xhieda precedenti taghha, ix-xhud spjegat li fil-frattempt l-imputat skonta sentenza karcerarja fuq kaz iehor u waqt il-perjodu li ghamel fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin hija setghet issegwih sewwa u rat tibdil ghall-ahjar fl-attitudni tieghu u ammetta li ma kienx lest li jerga' jidhol lura fis-socjeta` hekk kif johrog mill-habs. Fil-fatt, ghamel zmien jirresjiedi fis-shelter tal-Caritas pero` hareg wara xi gimghat minhabba li

[10] Fol. 42-44 ta' l-atti processwali
[11] Fol. 84-87 tal-atti processwali
[12] Fol. 221-222 tal-atti processwali

ommu kienet ma tiflahx. Test tal-awrina li sar fit-8 ta' Jannar 2018 stess irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2023[13], ix-xhud irrimarkat li minkejja l-progress li deher li qed jaghmel l-imputat, test tal-awrina mehud fil-5 ta' Ottubru 2022 irrizulta pozittiv ghall-kokaina.

**Il-parte civile Alfred Galea[14]** xehed ukoll fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2016. Spjega li kellu xi affarijiet tat-tifla tieghu mahzuna fil-basement tar-residenza 214, Triq il-Qaliet, Marsascala. Fl-4 ta' Lulju 2016 kien innota vettura bajda tat-tip Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni HAC-896 hdejn il-bieb u bniedem hiereg mill-basement u jghabbi xi boroz u kaxxi f'din il-vettura. Ix-xhud spjega li beza' jersaq vicin ghax haseb li l-malvivent jista' jkun armat. Ix-xhud naqas li jaghraf min kien il-malvivent – *"imma mhux ser ngharfu zgur"*[15]. Temm jghid li l-oggetti misjuba nieqsa kienu jinkludu ghamara ta' kamra tas-sodda shiha, freezer, cooker, tumble dryer, toilet, sink tal-kamra tal-banju, sink tal-kcina, cilindru tal-gass mimli u statwa. Ikkalkula l-valur approssimattiv bhala li jlahhaq l-€4,000.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017[16] iccara li huwa ma ghandux ricevuta tal-ghamara tal-Imagine Casa allegatament misruqa stante li dawn probabbilment qieghdin ghand it-tifla tieghu Maria Galea. Rigward l-oggetti misjuba nieqsa, spjega li dawn kienu jinkludu chest of drawers, zewg gwardarobbi, mera, zewg komodini, tv cabinet, freezer, cooker, tumble dryer, toilet, basin u cilindru tal-gass mimli.

[13] Fol. 402-403 tal-atti processwali
[14] Fol. 45-49 ta' l-atti processwali
[15] Folio 47 ta' l-atti processwali
[16] Fol. 168-172 tal-atti processwali

**It-Tabib Dr Anthony Carmel Bugeja**[17], adett fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, xehed fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016. B'referenza ghac-certifikati ezebiti a Fol. 36 u 37 ikkonferma li huwa kien harighom wara li nvista lil Cherise Portelli u Marco Attard fl-20 ta' Awwissu 2016 bil-lejl. Fil-kaz taz-zewg persuni l-griehi gew klassifikati bhla hfief u f'dak il-hin kien gie spjegat li kienu rizultat ta' aggressjoni minn naha ta' persuna li allegatament inqabad jisraq mill-Convenience Shop ta' Marsascala.

Fl-istess seduta xehdu **Marco Attard**[18] u **Cherise Portelli**[19]. Attard huwa id-dirigent tal-hanut Covenience Shop, fi Triq il-Qaliet, Marsascala. Spjega li wara li gie nfurmat mill-kaxxiera li kien qed isir attentat ta' serq, idderiga li jinghaqu l-bibien u eventwalment ghadda kiex kellem lill-imputat, li gharaf fl-awla, u qallu biex ma jergax jersaq lejn il-hanut, izda dan qabad jitkellem hazin u filwaqt li sabbat darbtejn fuq sink li kien hemm vicin u imbaghad faqa' kontenitur tal-yoghurt ma wiccu fil-konsegwenza li gew ikkawzati griehi hfief f'wiccu u f'idejh. Mill-banda l-ohra, Cherise Portelli, il-mara ta' Marco Attard, kienet fuq il-post ukoll pruvat tferraq wara li semghat l-ghajjat u l-imputat taghha daqtejn ma wiccha u widnejha tan-naha tal-lemin. Hija ukoll gharfet lill-imputat fl-awla. L-oggetti li kienu ser jigi misruqa kienu detergent Omino Bianco u xi trab tal-hasil u malli inghalaq il-bieb, l-imputat rega' poggihom f'posthom. Ikkonfermaw li ghaddew il-filmati CCTV mill-hanut lill-Pulizija.

**Stephen Cachia**, f'isem l-Awotirta` ghat-Trasport f'Malta, xehed fis-seduti tal-15 ta' Frar 2017[20] u t-22 ta' Marzu 2017[21]. Ikkonferma li l-vettura bin-numru ta'

---

[17] Fol. 55-56 tal-atti processwali
[18] Fol. 58-64 tal-atti processwali
[19] Fol. 65-71 ta' l-atti processwali
[20] Fol. 163-164 tal-atti processwali
[21] Fol. 181-182 tal-atti processwali

registrazzjoni IBC-971 hija tat-tip Kia Avella u hija registrata fuq certu Nihat Dagdeviren sa mis-6 ta' Novembru 2013. L-ahhar darba li thallset il-licenzja ta' din il-vettura kien sat-30 ta' Settembru 2015. Fir-rigward tal-vettura HAC-896, jirrizulta li din hija tal-marka Peugeot 205 u hija registrata fuq isem l-imputat Gordon Grima. L-ahhar data li kienet koperta b'licenzja kienet il-31 ta' Awwissu 2015.

**Caroline Falzon** xehdet fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017[22]. Spjegat li kienet xoghol fil-Convenience Shop ta' Marsascala filghaxija u rat li kien hemm ragel qed jiehu l-affarijiet u jahbihom fil-qalziet. Ghalhekk cemplet lill-manager Marco Attard u dan gie fil-hanut minnufih. Fil-frattemp ir-ragel in kwistjoni, li hija gharfet bhala l-imputat Gordon Grima, hallas ghal xi affarijiet u pogga l-affarijiet l-ohrajn lura f'posthom. Hemm kif wasal Marco Attard, dahhal lill-imputat fl-ufficcju tieghu u f'daqqa wahda beda gej hafna ghajjat u storbju u b'hekk indunat li kienu qed jaghtu bl-idejn. Prezenti fuq il-post kien hemm ukoll il-mara ta' Marco Attard, Cherise Attard.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2017 xehdet **Maria Galea**[23]. Ipprezentat ricevuta[24] minn Immagine Casa fir-rigward tal-kamra tas-sodda allegatament misruqa, li tindika l-valur ta' €2,745. Ix-xhud ipprezentat ukoll elenku[25] maghmul bl-idejn tal-affarijiet l-ohrajn nieqsa li madankollu mhux koperti b'ircevuta.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2019 xehed **Anthony Gauci**[26], in rapprezentanza ta' Immagine Casa li b'referenza ghad-dokument ossija quotation ezebit a Fol. 194, ikkonferma li dan huwa mahrug mill-kumpanija.

---

[22] Fol. 173-176 tal-atti processwali
[23] Fol. 189-193 ta' l-atti processwali
[24] Fol. 194 tal-atti processwali
[25] Fol. 196 tal-atti processwali
[26] Fol. 291-292 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **Charles George Ciantar**[27], li kkonferma li fiz-zmien, huwa kien is-sid tal-vettura Kia Avella hadra bin-numru ta' registrazzjoni IBC-971. Kien xtraha fis-sena 2005 u imbaghad partatha ma Aveo ghand Sonic Auto Dealer ta' Birkirkara fis-sena 2013.

Fl-istess seduta xehed **Alan Magro**[28], li jiggestixxi n-negozju Sonic Auto Dealer. Mill-ftit li seta' jiftakar, ikkonferma li l-vettura IBC-971 kienet inbieghet lil certu "Nihat" li huwa barrani.

Fl-istess seduta xehed **Nihat Dagdeviren**[29], bil-lingwa Ingliza. Huwa kkonferma li kellu karozza tat-tip Kia Avella hadra u li kien xtraha minghand Sonic Auto Dealer. Eventwalment kien ghaddiha lill-eks mara tieghu Dorianne Dagdeviren bil-logbook iffirmat u minn hemm 'l hemm ma jafx x'sar mill-vettura.

**Dorianne Dagdeviren** xehdet waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju 2020[30] fejn ikkonfermat illi fiz-zmien, il-vettura Kia Avella hadra bin-numru ta' registrazzjoni IBC-971 kienet taghha flimkien ma zewgha Nihat Dagdeviren u li wara li sseparaw, hija kienet bieghet din il-karozza lil auto dealer f'Birkirkara, li madankollu ma setghatx tiftakar x'jismu.

Fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020 xehed **Charles Bianco**[31] f'isem Western Company Limited li spjega li l-vettura vettura Kia Avella hadra bin-numru ta' registrazzjoni IBC-971 kienet tpartet minn certu Dorianne Dagdeviren ma Seat Ibiza u imbaghad spiccat ghand certu Charles Richard li jiggestixxi n-negozju Richard Auto Sales.

---

[27] Fol. 293-295 ta' l-atti processwali
[28] Fol. 296-298 ta' l-atti processwali
[29] Fol. 299-301 ta' l-atti processwali
[30] Fol. 318-320 ta' l-atti processwali
[31] Fol. 326-329 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 xehdu **Dorothy Richard[32], Carol Cassar[33] u Deborah Richard[34]** li lkoll huma ulied id-defunt Carmelo Richard. Missierhom kien "dilettant tal-karozzi" fis-sens li kien jixtri u jbiegh il-karozzi u li kien hemm ghadd ta' karozzi f'garaxx li kienu ser jigu skreppjati. Mill-bqija ma kienu jafu xejn saljenti aktar dwar in-negozju tal-karozzi li allegatament kellu missierhom.

**Is-Supretendent Josric Mifsud** rega' xehed fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021[35] fejn spjega li kien sar access fil-garaxx tad-defunt Carmelo Richard izda la l-vettura Kia Avella hadra bin-numru ta' registrazzjoni IBC-971 ma nstabet u lanqas xi dokumenti relattivi ghaliha. Ix-xhudipprezenta ritratti li ha huwa stess waqt l-access.

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 xehed **It-Tabib Dr Moses Camilleri[36],** adett mal-Agenzija Sedqa. Spjega li l-imputat huwa mahkum mill-vizzju tad-droga u l-ewwel darba li fittex l-ghajnuna kienet fis-sena 1996. Kien hemm zmien twil fejn kien qata' l-kuntatt izda fl-ahhar sena, kien hemm progress konsiderevoli tant li t-testijiet tal-awrina li saru dejjem irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022 xehed **il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri[37],** li wara li ddikjara li qed jaghraf lill-imputat, spjega li huwa kien jikkurah bejn is-snin 2012-2014. Ikkonferma li l-imputat kien mahkum minn problema ta' abbuz ta' sustanzi eroina u kokaina u kellu ukoll sinjali ta' dipressjoni.

[32] Fol. 343-347 ta' l-atti processwali
[33] Fol. 348-351 ta' l-atti processwali
[34] Fol. 352-355 ta' l-atti processwali
[35] Fol. 365 ta' l-atti processwali
[36] Fol. 392-393 ta' l-atti processwali
[37] Fol. 396-397 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Jirrizulta li l-istqarrija[38] ta' l-imputat ittiehdet nhar l-24 ta' Awwissu 2016 quddiem l-Ispettur illum Supretenent Josric Mifsud fl-Ghassa ta' Bormla fil-prezenza ta' PS 1576 Simon Grech u dan wara li kien inghata s-soliti twissijiet u ghazel li ma jikkonsultax ma avukat. F'din l-istqarrija, l-imputat jinnega li seraq oggetta minn garaxx fi Triq il-Qaliet, Marsascala izda jikkoncedi li *"ghamilt hazin"* fir-rigward tal-episodju tal-Convenience Shop. Rigward is-seqan tal-vettura Kia minghajr licenzja u assikurazzjoni, jghid li kien ghadu jixtriha u minghand min xtraha kellu jiehu hsieb il-karti kollha hu u ghalhekk kien minghalih li kollox kien sewwa.

**Ikkunsidrat**

**Principji legali dwar l-istqarrijiet**

Fuq bazi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l- istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrija in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

[38] Fol. 9-11 ta' l-atti processwali

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija tieghu, huwa ma kienx ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tieghu u lanqas ma kien ingħataltu l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tieghu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-**28 ta' Novembru 2016**.[39] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġiet interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[40] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

[39] Fit-28 ta' Novembru 2016
[40] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wieħed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[41] deċiża

[41] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[42] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[43] fejn il-Qorti rriteniet:

[42] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[43] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[44] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*
>
> *Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta*

[44] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[45]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[46]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[47] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[48]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[49]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[50] fejn gie ikkonfermat li meta

[45] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[46] Folio 14 tas-sentenza
[47] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[48] Folio 25 tas-sentenza
[49] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[50] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

F'decizjoni ricenti **Morgan Onuorah v l-Avukat tal-Istat**[51] il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li:

*"il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendent jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu."*[52]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubbklika ta' Malta vs Tony Curmi**[53] fejn il-Qorti riteniet:

*Din il-Qorti ghalhekk tqis li nonostante l-fatt li l-istqarrija ta' Wayne Grima ittiehdet fi zmien meta suspettat ma kienx jinghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt listqarrija u fejn setghet anke tapplika r-regola ta' inferenza fejn suspettat jaghzel li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, jekk ma jkun irid jghid xejn jew jonqos milli jsemmi xi fatt u sussegwentement matul il-process iressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni, mhux biss Wayne Grima ghazel li jiguramenta l-istqarrija tieghu izda ukoll sal-lum il-gurnata ma jirrizultax jekk Wayne Grima qieghed jikkontesta l-ammissibilita' jew il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li tali stqarrija ghandha tibqa' fl-atti u ghalhekk hija prova ammissibli f'kaz li Wayne Grima jixhed f'dan ilguri u tali stqarrija ma tigix kontestata minnu.*

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, tilqa' limitatament l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat billi filwaqt li*

[51] Deciza 27 ta' Jannar 2021, Qorti Kostituzzjonali, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

[52] Folio 12 tas-sentenza

[53] Qorti Kriminali; Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Att ta' Akkuza 8/2019

*tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Tony Curmi fit-23 ta' Novembru 201459 a fol 7 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bhala prova inammissibbli u ghalhekk tordna l-isfilz taghha, tiddikjara ukoll kwalunkwe referenza li saret fl-atti inkluz fil-provi u fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat Tony Curmi seta' qal matul l-investigazzjoni u matul it-tehid tal-istqarrija minghajr ma kellu Avukat prezenti bhala ukoll inammissibli.*

Illi mill-fedina penali ta' l-imputat[54] jirrizulta li l-imputat kellu fedina refrattarja u kemm il-darba kien xilef dufrejgh mal-ligi. Madankollu jirrizulta li dawn is-sentenzi huma wkoll relatati mad-droga liema vizzju kien ilu ghadek bih u seta ghalhekk afettwalu g-gudizzju u decizjonijiet tieghu fit-tehid ta' l-istqrarija. Jirrizulta wkoll li qabel ma saret l-ezami, l-imputat ma naghata ebda dritt li jikkonsulta ma avukat tal-fiducja tieghu, u l-Qorti tinsab konvinta li l-imputat, tenut ukoll tal-vixxju li kellu li ma kienx necessarjament ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija f'dak li jikkoncerna drittijiet tieghu meta ssirilu l-interrogazzjoni. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġew interrogati, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrijiet taghhom fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrija u ma tqishiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

[54] Folio 24-27 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[55], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, **<u>ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'</u>**. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-*

[55] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[56] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[57]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[58] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

[56] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959
[57] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.
[58] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[59] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[60]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in*

[59] deciz 5/12/1997
[60] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f' dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[61] fejn gie kkunsidrat:

> *"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[62] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika*

[61] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017
[62] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

*l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

**L-ewwel imputazzjoni - Ir-reat ta' serq aggravat**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli ikomettiet serq ta' ghad-dannu ta' Alfred Galead liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[63]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[64]

[63] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*
[64] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravji tas-serq li bihom giet mixli l-imputat f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz u tal-valur. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Illi kif diga gie spejgat aktar il-fuq din il-Qorti, tenut kont ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghal-maggior parti ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih din il-Qorti ghandha biss taghmel evalwazzjoni tal-provi ghar-rigward l-imputazzjoni (g).

Illi din il-imputazzjoni tirrigwarda serq aggravat bil-mezz u valur ghad-dannu ta' Alfred Galea.

F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni resqet lill-parte civile Alfred Galea u bintu Marie Galea sabiex jixhdu.

Mix-xhieda u l-provi jirrizulta li Alfred Galea kien prezenti u inserta l-halliel jisraqlu diversi oggetti u ghamara personali mir-residenza tieghu li globalment jiswew l-gheluf. Il-parte civile u bintu fil-fatt ipprezentaw elenku ta' l-oggeti misruqa u li fil-kaz ta' l-ghamara tal-kamra tas-sodda, is-stima giet anke ikkonfermata minn ghand tal-hanut.

Mandakollu l-parte civile Alfred Galea stqarr hu stess li ma kien f'posizzjoni jaghraf lill-imputat ghaliex beza jersaq vicin tieghu minhabba li seta kien armat.

Minn naha taghha l-prosekuzzjoni ma resqet xejn u jirrizulta li investigazzjoni kienet fjakka jekk mhux ghal kollox nieqsa ghaliex, per ezempju ma jirrizultax li saru ezamijiet forensici ghall-impronti digitali, intervisti mal-girien, ezamijiet ta' CCTV's fl-inhawi, ritratti tax-xena u dak kollu possibli f'investigazzjoni serja dwar serq.

Illi ghalhekk tenut dan kollu ma hemm xejn li jindika li din is-serqa setghet saret jew fil-fatt saret mill-imputat stess. Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxilex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet (g) dedotti kontra l-imputat u sejra tghaddi sabiex tilliberah minn kull htija u piena dwarha.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[65] Il-fedina penali ta' l-imputat tindika sejbien ta' htija fil-passar fir-rigward ta' offizi ta' serq, pussess ta' sustanza illeciti kif ukoll dawn relatati ma uzu ta' vetturi bla licenzja.

-L-imputat irregistra ammisssjoni ghall-imputazzjonijiet kollha hlief (g) fi stadju bikri[66] li seta u qabel ma nbdew jinstemghu ebda provi. Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[67], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[68], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[69] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[70]

Ghaldaqstant stante li l-ammisjoni saret fl-iktar stadju bikri, l-imputat ghandu jibbenifika minn dan l-attenwanti.

- Illi irrizulta li l-imputat kien ibaghti minn vizzju tad-droga li hakkmitu u waqghatu fil-kriminalita. Illi filwaqt li dan qed jinghad mhux bhala skuza tar-reati komessi minnu jipprovdu l-motiv ta' ghalfejn l-imputat irrikorra ghall-kriminalita u huwa ta' kunsiderazzjoni ghal Qorti sabiex

[65] Fol. 24-27ta' l-atti processwali
[66] Fit-tieni udjenza quddiem il-Qorti
[67] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[68] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[69] Thomson Reuteurs, S-29
[70] Blackstone Press Limited – 2006 edition

tikkunsidra kwalunkwe Ordnijiet ohra li din il-Qorti tista taghti flimkien mal-piena.

- Illi l-imputat huwa recidiv skond l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad wiehed jew tnejn.
- Illi r-reat ta' attentat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-hin li fih sar u ghaldaqstant ir-reat huwa meqjus aggravat bil-hin u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravju
- Illi dan ir-reat sar fit-23 ta' Awwissu 2016 u dan qabel ma kienu ddahhlu l-emmendi tal-ligi l-godda li jirregolaw l-artikoli 216 tal-Kodici Kriminali.[71] Illi bl-introduzzjoni ta' l-Att Numru XIII tal-2018 il-ligi giet emendata fis-sens li l-piena ghal dan ir-reat giet mizjuda ghal piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn jew ta' multa ta' mhux inqas minn hames elef euro (€5,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Fiz-zmien mertu tar-reat, u cioe qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-ammendi l-piena kienet minn tliet xhur sa tliet snin. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinghata l-piena applikabli fil-perjodu meta sehh ir-reat u mhux kif emendata illum. Illi dan jinghad ukoll ghall-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali.
- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

[71] Att Numru XIII tal-2018

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li piena alternattiva ghall-inkarcerazzjoni mhix ser thalli l-frott mistenni, anzi bil-kuntrarju u ghalhekk il-Qorti sejra tikunsidra piena ta' habs.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat:

- L-artikoli 3 (1) (1A) (1B) (2) (a) (b) (2A) (2B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet tal-Ligijiet ta' Malta;
- Ir-regolamenti 13 (2) u 44 (7) (a) tar-Regolamenti Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Avviz Legali 198 tal-2009, kif emendat bl-Att XV tal-2009 u bl-Avvizi Legali 110 u 195 tal-2011, 127 tal-2013, 178 u 342 tal-2015 (Legislazzjoni Sussidjarja 368.02) taht il-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikoli 31, 41 (1) (a), 261 (f), 270, 281 (a), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikolu 339 (1) (d) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikoli 214, 215 u 221 (1) (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiet ta' Malta;
- L-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- L-artikoli 20, 261 (b) (c), 263, 264, 265, 266, 267, 278 (1) (2), 279 (6), 280 (1)(2), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligliet ta' Malta;
- L-artikoli 31, 49, 50 u 289 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiet ta' Malta;
- L-artikoli 7, 8, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 19, 20, 22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiliet ta' Malta;
- L-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

issib lil Gordon Grima fuq ammissjoni tieghu stess **hati** ta' l-imputazzjonijiet (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) filwaqt li issibu **mhux hati** ta' l-imputazzjoni (g) li minnu qed tilliberah minn kull htija u piena.

Ghar-rigward piena l-Qorti wara li rat l-imputazzjoni dedotta kontrih tikkundannah piena karcerarja kumplessiva ta' hmistax il-xahar (15) habs li minnhom ghandu jintaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu u ta' **tlett snin** millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Komunika: Direttur Probation u Parole

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Gordin Grima taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000) liema obligazzjoni tibda fis-sehh wara li jkun skonta l-piena karcerarja.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Cherise Attard u Marco Attard ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Novembru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**